MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 41/2007/1

**Mark Magro**

**v.**

**Germaine Magro**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fil-31 ta' Jannar 2007, li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-23 ta' Marzu 1996 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok A).

“2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibbli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun kommessi da parti tal-konvenuta u kif ukoll minħabba inkompatibbilta` ta’ karattru.

“3. Illi miż-żwieġ twieldu żewġt itfal, ossia Jake ta’ disa’ snin u Kurt ta’ ħames snin, u dan kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid (Dok B u C).

“4. Illi l-kontendenti ġew awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kopja ta’ liema qed jiġi anness u mmarkat Dok D.

“Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.

“2. Tafda lill-attur bil-kura u kustodja taż-żewġt itfal minuri Jake u Kurt, kif ukoll tat-tifla Francesca ta’ ħames snin.

“3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Civili.

“4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, *occorrendo* billi tinnomina periti nominandi.

“5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenut f’każ ta’ bżonn.

“6. Tordna illi fid-dar matrimonjali għandu jgħix esklussivament l-attur flimkien maż-żewġ uliedu u dan bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 55 A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"7. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta` kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-esponenti taqbel li hemm lok illi hi u żewġha jisseparaw skont il-liġi, pero` mhux għar-raġunijiet li qedgħin jiġu addebitati lilha mill-istess żewġha. Fil-kors taż-żwieġ u sakemm il-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien huwa kien jokkomporta ruħu b'mod għal kollox irraġonevoli u f'diversi okkażjonijiet anke vjolenti.

"2. Illi l-esponenti ma taqbilx li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Jake u Kurt jiġu fdati f'idejn ir-rikorrenti żewġha.

"3. Illi l-esponenti lanqas ma taqbel li żewġha jiġi awtorizzat fil-fond matrimonjali ad esklużjoni tagħha kif qed jintalab fir-rikors tiegħu.

"4. Illi *inoltre* ma hemmx lok għas-seba' talba tar-rikorrent, billi m'hemmx x'jiġi restitwit lilu kif mitlub."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Novembru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort prinċipalment tal-konvenuta u tawtorizzahom jgħixu separatament;

"2. Tilqa' t-tieni talba u tassenja l-kura u kustodja tal-minuri Jake u Kurt f'idejn l-attur b'dan li l-konvenuta jkollha aċċess għalihom nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn l-4:15 p.m. u s-7:15 p.m. fil-ġranet tal-iskola, u bejn l-10:00 a.m. u s-7:30 p.m. fil-ġranet l-oħra u nhar ta' Sibt jew il-Ħadd

b’mod alternat bejn l-10:00 a.m. u l-5:30 p.m; il-partijiet għandhom ikollhom it-tfal magħhom f’Jum l-Omm u l-Missier rispettivament filwaqt li għandhom jalternaw kull sena fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena li jkollhom lil uliedhom magħhom fl-istess ħinijiet, u ċjoe` bejn l-10:00 a.m. u l-5:30 p.m; il-kura u kustodja tal-minuri Francesca għal kull *buon fini* qed tiġi affidata lill-konvenuta;

“3. Tilqa’ t-tielet talba b’effett mill-4 ta’ April 2006, soġġett għal dan li ġej;

“4. Tilqa’ r-raba’ talba u għalhekk, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attur id-dritt li jabita ma’ wliedu fid-dar konjugali fuq imsemmija għal perjodu ta’ ħames snin mil-lum, u wara dak il-perjodu tawtorizza l-bejgħ tagħha taħt l-awtorita` tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li l-attur jieħu prelevament ta’ għaxart elef Ewro (€10,000); l-istess attur għandu jħallas id-dejn mal-Bank H.S.B.C. u djun oħra <u>*eccetto*</u> tal-kont tal-intimata mal-istess H.S.B.C. Bank numru 088034574320 li għandha tħallsu hija stess; tassenja lill-konvenut il-garaxx numru mhux uffiċjali 17, Triq San Mikiel, il-Fgura u l-vetturi kollha llum f’ismu kif ukoll il-mobbli kollha fid-dar konjugali, u dan kollu bil-korrispettiv li l-istess attur iħallas l-ammonti kollha dovuti lill-bank mis-self li ħadu l-partijiet tul iż-żwieġ, u b’kumpens ukoll għax-xogħol li huwa għamel fid-dar konjugali mill-2006 sal-lum; madankollu il-kontijiet kollha bankarji f’isem il-partijiet konġuntivament jew waħedhom, *bonds* u investimenti oħra kollha f’Malta fl-istess ismijiet għandhom jinqasmu f’sehem indaqs bejn il-partijiet;

“5. Taħtar lin-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bħala kuratriċi tal-eventwali kontumaċji; u l-ispejjeż tal-kuntratt kollha għandhom jitħallsu mill-attur.

“6. Tilqa’ s-sitt talba għall-perjodu ta’ ħames snin kif ġja` intqal;

“7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba.

“L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“ILLI r-rikorrent Mark Magro ppreżenta s-segwenti provi u xhieda:

“1. Affidavit ġuramentat ta’ ommu Maria Magro (I.D. Nru. 0387947M) – Dok. D anness;

“2. Affidavit ġuramentat ta’ missieru Francis Magro (I.D. Nru. 0024048M) – Dok. E anness;

“3. Affidavit ġuramentat tiegħu stess – Dok. F. anness;

“4. Xhieda ta’ Jennifer Debono (rappreżentanta tal-ETC) – Dok. Ġ(2) anness;

“5. Xhieda tal-konvenuta Germaine Magro – Dok. Ġ(2) anness;

“6. Xhieda ta’ Joseph Borg Cardona (rappreżentant tal-bank Bank of Valletta p.l.c.) – Dok. Ġ(6) anness;

“7. Xhieda ta’ David Galea (rappreżentant tal-bank APS Bank) – Dok. Ġ(7) anness;

“8. Xhieda ta’ Audrey Ghigo (rappreżentanta tal-bank HSBC Bank Malta p.l.c.) – Dok. Ġ(7) anness;

“9. Xhieda ta’ Alfred Ellul – Dok. Ġ(10) anness;

“10. Rapport tas-social worker Therese Micallef – Dok. Ġ(12) anness;

“11. Xhieda ta’ Franco Schembri – Dok. Ġ(14) anness;

“12. Xhieda ulterjuri tal-konvenuta Germaine Magro – Dok. Ġ (16) anness;

“ILLI l-intimata Germaine Magro ppreżentat s-segwenti provi u xhieda:

“1. Xhieda (in kontro-eżami) tar-rikorrent Mark Magro – Dok. Ġ(21) anness;

“2. Kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-*plot* tal-Gvern li fuqu nbniet id-dar matrimonjali, u kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-*garage* f’St. Michael Street, Fgura, ippreżentati mir-rikorrent Mark Magro fuq talba tal-intimata – Dok. Ġ(23),(24) annessi;

“3. Xhieda tal-istess intimata Germaine Magro – Dok. Ġ(25) anness;

“4. Affidavit Ġuramentat tal-istess intimata Germaine Magro – Dok Ġ(27) anness;

“5. Xhieda ta’ Patricia Balzan – Dok. Ġ(28) anness;

“6. Xhieda ta’ Luana Balzan – Dok. Ġ(30) anness;

“7. Xhieda ta’ Rita Bonnett – Dok. Ġ(35) anness;

“8. Xhieda ulterjuri tal-intimata Germaine Magro – Dok. Ġ(37) anness.

“ILLI bi qbil bejn il-kontendenti (vide Dok. Ġ(24) anness), sar ukoll it-*test* tal-paternità permezz tad-DNA għal dak li jirrigwarda l-minuri Francesca.

“PUNTI SALJENTI TAL-PROVI PRODOTTI

“ILLI huwa u jirrediġi dan l-umli rapport, il-perit legali qies ix-xhieda u provi kollha prodotti *ad funditus*, però f’dan l-istadju huwa jħoss li għandu jelenka l-punti saljenti tal-provi prodotti u x-xhieda mogħtija. Naturalment, kull

dokument esebit u kull xhieda fl-intier tagħha tinsab annessa ma' dan l-umli rapport.

"1. Maria Magro

"Maria Magro, *ossia* omm ir-rikorrent Mark Magro, xehdet permezz ta' affidavit ġuramentat – Dok. D anness. Hija spjegat kif il-partijiet kienu jidhru kuntenti ħafna fiż-żwieġ u kif Germaine kienet tieħu pjaċir fil-kumpanija tal-kunjati tagħha, tant li ħafna drabi meta Mark kien ikun xogħol Germaine kienet tmur għandhom u joħorġu flimkien. Maria Magro tispjega kif il-partijiet kienu jidhru li ma jonqoshom xejn. Ma tiftakarx li Germaine qatt ilmentat magħha dwar xi nuqqasijiet li seta' kellu Mark, u tirrikonoxxi li ġieli kien ikollhom "*xi argument żgħir li kulħadd ikollu*".

"Maria Magro tgħid li wara li Germaine kellha t-tieni tarbija, kienet qabditha *post-natal depression* u hemm Germaine bdiet tinbidel. Għall-ewwel bdiet tmur aktar ta' spiss għandhom bit-tarbija, speċjalment meta Mark kien ikun xogħol, u dan, skont Francis, għax Germaine kienet tiddejjaq toqgħod waħedha. Wara ftit, iżda, Germaine bdiet tinbidel. Bdiet tnaqqas ħafna miż-żjarat li kienet tagħmel għand il-kunjati tagħha, għamlet ħbieb ġodda, bdiet tilbes skullat u tmur għand il-*fortune-tellers.*

"Maria Magro tkompli tgħid li wara li Germaine kellha t-tielet tarbija, hija skartathom kompletament, sakemm nhar id-duluri tal-2006 ċempel Mark li nfurmahom li Germaine kienet telqet mid-dar bit-tifla u ħallietu biż-żewġ subien. Tgħid li Mark kien ħadha bi kbira ħafna u ried lil Germaine tmur lura, però sussegwentement inbdew il-proċeduri odjerni. Maria Magro tiftakar *"okkażjoni meta kemm missierha u kif ukoll zijuha għajjruha "Żibluha" minħabba kif kienet aġixxiet ma' Germaine"*.

"Maria Magro tgħid ukoll kif sew qabel kif ukoll wara ż-żwieġ, Mark kien għamel ħafna xogħol huwa stess ġewwa d-dar matrimonjali, fosthom il-kontra-bejt, id-dawl u l-ilma, is-saqaf tal-*washroom*, it-tikħil u t-tibjid (li għamel flimkien

ma' ħuh), il-bir, il-madum, *skirting*, u *gypsum*. Ġieli kien jgħinu wkoll missieru.

"Maria Magro ma ġietx kontro-eżaminata.

"2. <u>Francis Magro</u>

"Francis Magro, *ossia* missier ir-rikorrent Mark Magro, xehed permezz ta' affidavit ġuramentat – Dok. E anness. L-affidavit ta' Francis Magro huwa simili ħafna għal dak ta' martu Maria Magro, tant li essenzjalment jgħid l-istess affarijiet fl-istess ordni! L-istess bħal fil-każ ta' Maria Magro, Francis Magro ma ġiex imsejjaħ biex ikun kontro-eżaminat.

"3. <u>Ir-rikorrent Mark Magro</u>

"Ir-rikorrent Mark Magro, xehed permezz ta' affidavit ġuramentat – Dok. F anness. Huwa spjega kif hu u l-intimata żżewġu fit-23 ta' Marzu 1996 wara għerusija ta' xi sitt snin. Skont ir-rikorrent, kollox kien normali, sakemm f'Mejju 2005 huwa sab karta mal-*windscreen* tal-vettura tiegħu, li kienet tgħid: *"Moħħok hemm. It-tifla m'hix tiegħek. It-tifla ta' Franco tal-Pompa"*. Il-kontendenti kellhom tliet itfal – Jake ta' għaxar snin, Kurt ta' ħames snin, u Francesca ta' tliet snin. Mark Magro jgħid li huwa ma tax wisq importanza lil din il-karta għax assuma li min kitibha seta' kien xi ħadd li ried iġelldu mal-mara.

"Fl-20 ta' Marzu 2006, iżda, Mark Magro ħa l-karozza tal-intimata biex imur jixtrilha xi *parts*, u meta fetaħ il-bagoll sab żewġ ritratti u nota fuq karta. In-nota tgħid *"Franco qed jgħix ma' Cynthia. Ser jibqgħu jgħixu flimkien. Ser jgħidli meta s-Sibt. Ir-ritratti huma ritratti ta' pompa tal-petrol li tinsab wara d-dar tiegħi u naf illi f'din il-pompa hemm impjegat li jismu Franco"*. Dawn id-dokumenti jinsabu esebiti fil-proċess, mehmużin ma' l-affidavit tar-rikorrent.

"Ir-rikorrent jgħid li meta sab dawn id-dokumenti ftakar fil-karta li kien sab mal-*windscreen* xi xhur qabel, u mar ikellem lill-mara biex jara xi spjegazzjoni kienet ser

tagħtih. Skont ir-rikorrent, l-intimata ħaditlu dawn il-karti minn idu u pruvat tqattagħhom. Hawnhekk inqala' argument sħun u l-intimata telqet 'il barra bit-tfal u marret għand zijuha. L-għada rritornat id-dar flimkien ma' zijuha, li min-naħa tiegħu pprova jipperswadi lir-rikorrent li ma kien hemm xejn minn dak li kien qed jaħseb hu. Ir-rikorrent jgħid li l-intimata għalhekk marret lura d-dar, imma evidentement l-affarijiet ma kienux aktar bħal qabel.

"Fl-4 ta' April 2006 il-kontendenti kellhom argument jaħraq dwar dan l-allegat adulterju tal-intimata. Skont ir-rikorrent, huwa qal lil martu li kien ser imur jiġbor lit-tfal mill-mużew, u kellhom ikomplu jiddiskutu wara. Meta ġie lura, ir-rikorrent sab li l-intimata kienet telqet mid-dar matrimonjali flimkien mat-tifla, u marret tgħix ma' zijuha.

"Mark Magro jgħid ukoll li huwa għamel kuntatt ma' l-intimata bit-*telephone*, fejn din ammettiet miegħu illi t-tifla ma kienitx tiegħu iżda kienet ta' Franco li jaħdem fil-pompa. Skont ir-rikorrent, l-intimata reġgħet stqarritlu din l-ammissjoni, din id-darba quddiem iz-zijiet tagħha u t-tfal adulti tagħhom.

"Ir-rikorrent jgħid li l-intimata sussegwentement marret tgħix ġewwa d-Dar Merħba Bik għaliex zijuha ma riedx iżommha, minn fejn xi żmien wara kien mar għaliha missierha u beda jżommha d-dar tiegħu. Mark Magro jgħid li huwa kien imur iżurha għand missierha u *"jibkilha biex terġa' tiġi lura"*, minkejja l-adulterju, iżda hi qatt ma riedet. Bdiet tmur id-dar matrimonjali biex tnaddaf, imma terġa' tirritorna għand missierha. Tul dan il-perjodu, l-intimata kienet bdiet iġġorr bil-mod il-mod il-ħwejjeġ u l-effetti personali tagħha u tal-minuri Francesca mid-dar matrimonjali għad-dar ta' missierha.

"Ir-rikorrent jirrikonoxxi li tul dan il-perjodu kienu jinqalgħu ħafna argumenti bejnu u bejn l-intimata, tant li saru anke rapporti lill-Pulizija. *Nel frattemp* ir-rikorrent beda wkoll il-proċedura tal-medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja.

"Mark Magro jgħid ukoll li xi tliet xhur wara li telqet mid-dar, huwa kien raha ma' raġel ieħor – ċertu Jonathan, li

kien ex-*boyfriend* ta' Germaine Magro – fuq il-blat Wied il-Għajn. Huwa jgħid ukoll li kien sab *note-pad* b'sinjali, li meta għadda minn fuqhom bil-lapes seta' jara *"parti minn ittra lil Franco tal-pompa fejn Germaine qed issaqsih għalfejn ma baqax fidil lejha, tgħid li għamel x'għamel taħfirlu, u fejn issemmilu t-tifla Francesca li kellhom flimkien"*.

"Ir-rikorrent jgħid li waqt il-medjazzjoni l-intimata bdiet tgħid li hu kien isawwatha. Huwa jiċħad dan. Anzi jgħid li saħansitra kellu jbiddel ix-xogħol għax l-intimata kienet tkun tridu ħdejha bil-lejl u mhux jaħdem *night shifts*.

"Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa jixtieq li jingħata l-kura u kustodja taż-żewġt itfal tiegħu Jake u Kurt, li ilhom jgħixu miegħu sa minn meta l-intimata telqet mid-dar. Jispjega li minkejja li l-intimata ngħatat dritt ta' aċċess għalihom ħames darbiet fil-ġimgħa, hija qatt ma marret għalihom aktar minn darbtejn fil-ġimgħa.

"Dwar manteniment ir-rikorrent iħoss li tenut kont iċ-ċirkostanzi, huwa m'għandux iħallas manteniment lill-intimata, u lanqas *versu* l-minuri Francesca, li m'hijiex tiegħu.

"Ir-rikorrent jispjega wkoll illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fis-segwenti:

"(i) id-dar matrimonjali, *ossia* l-fond 35, Triq il-Vittmi tax-Xoghol, Paola. Dan il-fond inbena' fuq *plot* tal-Gvern qabel iż-żwieġ;

"(ii) garaxx ta' ħames karozzi li jinsab St. Michael Street, Fgura;

"(iii) żewġ vannijiet tal-marka *Transit* bin-numri IAP138 u HAN582, li jiswew xi Lm800-il wieħed;

"(iv) *Escort* li nxtara f'Awwissu 2005 li jiswa Lm2,000;

"(v) *Ford Fiesta* MGR099;

“(vi) *Morris Traveller* li jiswa xi Lm700.

“Hemm ukoll żewġ *loans*:

“(i) *Loan* ta’ Lm5,000 ma’ l-HSBC li ttieħdet għall-kċina u xi għamara oħra, u l-*Fiesta*;

“(ii) *Loan* ta’ madwar Lm9,000 għax-xiri tal-garaxx tal-Fgura

“Ir-rikorrent jispjega wkoll li qabel iż-żwieġ, huwa għamel is-segwenti xogħlijiet personalment fid-dar matrimonjali, u dan b’materjal li xtara minn flusu: is-saqaf tal-*washroom*, il-kontra-bejt, id-dawl u l-ilma, tikħil, kisi, u tibjid, madum, il-bini u l-kisi tal-bir, u l-i*skirting*.

“Ir-rikorrent jispjega li l-intimata kienet ħadet *loan* ta’ Lm5,000 qabel iż-żwieġ, biex bihom xtrat il-kamra tal-banju, kamra tas-sodda, u l-madum tad-dar. Ir-rikorrent jispjega li disa’ xhur wara ż-żwieġ, l-intimata waqfet taħdem u hu kien ħa *loan* ieħor biex bih jaqta’ dan il-*loan* li kienet ħadet parafernalment l-intimata.

“Finalment ir-rikorrent jgħid li l-minuri Francesca – li twieldet mill-adulterju tal-intimata – twieldet fil-25 ta’ Ġunju 2003. Jispeċifika li sa l-2002 fid-dar kull ma kellhom kienu l-kmamar tas-sodda (tagħhom u tat-tfal) u salott.

“4. <u>Jennifer Debono</u>

“Jennifer Debono, rappreżentanta tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC), xehdet bil-ġurament quddiem il-perit legali fit-8 ta’ April 2008 - Dok. Ġ(2) anness. Hija ppreżentat dokument (Dok. JD-1 anness ma’ l-imsemmi Dok. Ġ(2)) li juri l-*Employment History* tal-intimata. Ippreżentat ukoll (Dok. JD-2 anness ma’ l-imsemmi Dok. Ġ(2)) l-*Engagement Form* tal-impjieg kurrenti tal-intimata Germaine Magro. Minn din il-formola jirriżulta illi Germaine Magro għandha mpjieg *part-time*.

"Għalkemm mhux ta' mportanza, anzi pjuttost irrilevanti għal dawn il-proċeduri, għal kull *buon fini* jiġi rilevat illi f'din il-formola l-i*status* maritali tal-intimata Germaine Magro jidher bħala *'Legally Separated'*. Dan ovvjament m'huwiex il-każ. Effettivament anke s-sess huwa mniżżel erronjament bħala maskil '*Male*'.

"5. <u>L-intimata Germaine Magro</u>

"Fl-istess seduta quddiem il-perit legali, ir-rikorrent talab lill-intimata biex tiddikjara bil-ġurament id-dħul finanzjarju tagħha. L-intimata ddikjarat illi mill-impjieg *part time* tagħha ma' l-*ST Micro-Electronics* hija kienet iddaħħal l-ekkwivalenti ta' dsatax-il Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm19.50) fil-ġimgħa, filwaqt illi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali hija kienet tirċievi f'għajnuna l-ekwivalenti ta' mija u sittin Lira Maltin (Lm160) fix-xahar. Jekk wieħed jaqleb dawn l-ammonti f'Ewro, allura mill-impjieg *part-time* tagħha l-intimata kienet iddaħħal ħamsa u erbgħin Ewro u tnejn u erbgħin Ewro-Ċenteżmi (€45.42) fil-ġimgħa, filwaqt illi bħala għajnuna soċjali mill-Istat hija tirċievi tliet mija u tnejn u sebgħin Ewro u sebgħin Ewro-Ċenteżmi (€372.70) fix-xahar. B'hekk, abbażi ta' din l-informazzjoni mogħtija mill-intimata bil-ġurament, jirriżulta illi d-dħul finanzjarju tal-intimata jammonta kumplessivament għal madwar ħames mija u erba' u ħamsin Ewro u tmienja u tletin Ewro-Ċenteżmi (€554.38) fix-xahar.

"6. <u>Joseph Borg Cardona</u>

"Joseph Borg Cardona, rappreżentant tal-bank Bank of Valletta p.l.c., xehed bil-ġurament quddiem il-perit legali fit-12 ta' Mejju 2008 – Dok. Ġ(6) anness. Huwa ppreżenta tliet *statements* bankarji (Dok. JBC-1, Dok. JBC-2, u Dok JBC-3 annessi ma' l-istess Dok. Ġ(6)) li jirrappreżentaw kont *savings* (nru. 40014572393) intestat f'isem ir-rikorrent Mark Magro, kont *savings* ieħor (nru. 10213189012) intestat konġuntivament f'isem il-kontendenti, u kont *savings* ieħor (nru. 40015117919) din id-darba intestat f'isem l-intimata Germaine Magro.

"7. <u>David Galea</u>

"David Galea, rappreżentant tal-bank APS, xehed bil-ġurament quddiem il-perit legali ukoll fit-12 ta' Mejju 2008 – Dok. Ġ(7) anness. Mir-riċerka li għamel irriżultalu li ħadd mill-kontendenti ma' għandu kontijiet bankarji mal-bank rappreżentat minnu.

"8. Audrey Ghigo

"Audrey Ghigo, rappreżentanta tal-bank HSBC Bank Malta p.l.c., xehdet bil-ġurament quddiem il-perit legali ukoll fit-12 ta' Mejju 2008 – Dok. Ġ(7) anness. Mir-riċerki li għamlet ix-xhud jirriżulta li l-kontendenti għandhom is-segwenti kontijiet bankarji:

"F'isem ir-rikorrent Mark Magro hemm:

"(1) kont kurrenti (nru. 013089438001) – Dok. AG-1 anness ma' Dok. Ġ(7);

"(2) kont savings (nru. 013089438050) – Dok. AG-2 anness ma' Dok. Ġ(7);

"(3) kont savings (nru. 013089438051) – Dok. AG-3 anness ma' Dok. Ġ(7); u

"(4) VISA Card account (nru. 4568825010140537) – Dok. AG-4 anness ma' Dok. Ġ(7).

"F'isem l-intimata Germaine Magro hemm:

"(1) kont *savings* (nru. 013105077050) – Dok. AG-5 anness ma' Dok. Ġ(7); u

"(2) *loan account* (nru. 088034574320) – Dok. AG-6 anness ma' Dok. Ġ(7).

"F'isem il-kontendenti konġuntivament hemm:

"(1) *loan account* (nru. 013135314301) – Dok. AG-7 anness ma' Dok. Ġ(7);

"(2) *loan account* (nru. 013135314300) – Dok. AG-8 anness ma' Dok. Ġ(7). Dan il-kont infetaħ fid-9 ta' Marzu 2005 u ingħalaq fit-8 ta' Novembru 2006;

"(3) *loan account* (nru. 313135314301) – Dok. AG-9 anness ma' Dok. Ġ(7). Dan il-kont infetaħ fil-25 ta' Novembru 2003 u ingħalaq fis-6 ta' Settembru 2005;

"(4) *loan account* mad-Dipartiment tal-Home Loans (nru. 14116791)- Dok. AG-10 anness ma' Dok. Ġ(7).

"Ix-xhud tikkonferma illi fis-7 ta' Novembru 2006, inġibdu ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) mill-*loan account* numru 013135314301 intestat f'isem il-kontendenti konġuntivament, u skont ma hemm imniżżel fuq l-i*statement* relattiv dawn il-flus ġew *"transferred to savings".*

"9. <u>Alfred Ellul</u>

"Alfred Ellul, li jiġi z-ziju tal-intimata Germaine Magro, xehed bil-ġurament quddiem il-perit legali fl-24 ta' Ġunju 2008 - Dok. Ġ(10) anness. Mistoqsi xi kliem kien ingħad bejn il-kontendenti meta l-intimata kienet marret toqgħod għandu, ix-xhud jgħid li *"Germaine beda jistaqsiha jekk it-tifla kienitx tiegħu u Germaine bdiet tgħidlu li le"*.

"Ix-xhud jgħid ukoll li xi ħmistax-il ġurnata qabel, l-intimata kienet marret għandu u kellha sinjali ta' ħmura fuq moħħha u għonqha. Hija kienet qaltlu li kienu *"tqanfdu f'xulxin"* però ma jafx dwar xiex kellhom xi jgħidu. Jaf li riedet torqod għandu għaliex beżgħet li r-rikorrent jerfa' jdejh fuqha, filwaqt li jgħid li r-rikorrent kien qallu (permezz tat-telefon) li kellu suspett li martu (l-intimata) kienet qegħdha taqlibhielu.

"10. <u>Rapport tas-*Social Worker* Therese Micallef</u>

"Permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti (kif diversament preseduta) tas-6 ta' Novembru 2006 (Nru. 519/2006), is-*social worker* Therese Micallef kienet

ingħatat l-inkarigu biex tirrelata dwar is-sitwazzjoni tal-minuri wlied il-kontendenti. Fis-seduta li żamm il-perit legali fl-14 ta' Lulju 2008 – Dok. Ġ(12) anness, ir-rikorrent Mark Magro ppreżenta kopja tar-rapport redatt minn din is-*social worker* (Dok. MM1 anness ma' l-imsemmi Dok. Ġ(12).

"Il-konklużjonijiet li waslet għalihom is-*social worker* fir-rapport tagħha huma s-segwenti:

*""Jidher li fil-bidu tas-separazzjoni kien hemm tensjonijiet bejn Mark Magro u Germaine Magro li ġew manifestati ukoll f'atti vjolenti li ġew irrapportati fl-Għassa tal-Pulizija;*

*"Jidher ukoll li meta Germaine Magro telqet mid-dar ħadet biss it-tifla minuri (li kellha mill-'partner' tagħha, iżda l-minuri Jake u Kurt aħwa Magro ħalliethom ma' missierhom;*

*"Jidher ukoll li fil-preżent, il-ġenituri Mark Magro u Germaine Magro qed jitkellmu speċjalment dwar affarijiet li jikkonċernaw il-minuri Jake u Kurt aħwa Magro;*
*"Jidher li ż-żewġ minuri Jake u Kurt aħwa Magro għandhom relazzjoni tajba sew ma' missierhom kif ukoll m'ommhom;*

*"Jidher ukoll li ż-żewġ minuri Jake u Kurt aħwa Magro huma żewġ subien fuq ruħhom;*

*"Jidher ukoll li anke l-iskola ż-żewġ minuri ssettiljaw".*

"Wara li waslet għall-konklużjonijiet fuq kwotati, s-*social worker* Therese Micallef irrakkomandat illi:

"(1) Il-kura u kustodja tal-minuri Jake u Kurt aħwa Magro tkun konġunta. Iżda l-minuri jirrisjedu mal-missier Mark Magro;

"(2) Importanti li ma jingħad xejn kontra sew l-omm Germaine Magro kif ukoll il-missier Mark Magro quddiem il-minuri;

"(3) L-aċċess tal-minuri m'ommu jsir b'dan il-mod:

"- Matul il-ġimgħa – Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn l-4.00 ta' wara nofsinhar sas-7.00 ta' filgħaxija;

"- Fil-*Weekend* – Nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd, b'mod alternat, bejn l-10.00 ta' filgħodu sa l-4.00 ta' wara nofsinhar.

"(4) Għal *'Mother's Day'* u għal *'Birthday*' tal-omm, il-minuri jkunu ma' l-omm, u għal *'Father's Day*' u għal '*Birthday*' tal-missier il-minuri jkunu mal-missier;

"(5) Huwa importanti li fil-*'Birthday*' tal-minuri, iż-żewġ ġenituri jkollhom aċċess għall-minuri mqar għal 3 siegħat, liema siegħat ikunu miftehma bejn il-partijiet;

"(6) L-omm tkun infurmata dwar l-andament in ġenerali tal-minuri. Imma l-omm tkun infurmata speċifikament dwar l-andament tal-minuri fl-iskola, inkluż dwar l-attivitajiet tal-iskola fejn il-ġenituri jistgħu jattendu.

"11. <u>Franco Schembri</u>

"Franco Schembri xehed bil-ġurament quddiem il-perit legali fil-25 ta' Settembru 2008 - Dok. Ġ(14) anness, wara li nġieb permezz ta' Mandat ta' Skorta (Dok. MS anness ma' Dok. Ġ(14)).

"Fix-xhieda ġuramentata tiegħu Franco Schembri jgħid li lill-intimata Germaine Magro huwa ilu jafha xi għaxar (10) snin, u jafha biss bħala klijenta tal-*Petrol Station* li jaħdem fiha hu. Jiċħad li jaf lil Germaine Magro b'xi mod ieħor.

"Mistoqsi jekk l-isem Francesca jfissirx xi ħaġa għalih jgħid li jfisser it-tifla ta' Mark u Germaine. Ma jafx meta twieldet Francesca Magro.
"12. <u>L-intimata (Riprodotta)</u>

"Eżatt wara li ta x-xhieda tiegħu Franco Schembri, fl-istess seduta tal-25 ta' Settembru 2008 ir-rikorrent irriproduċa

lill-intimata Germaine Magro – Dok. Ġ(16) anness – u staqsiha kemm kienet ilha taf lill-istess Franco Schembri li kien għadu kemm xehed. L-intimata wieġbet li kienet ilha tafu xi seba' snin, tafu fil-pompa tal-petrol, u tkellmu bħal ma tkellem lil ħaddieħor.

"Xhieda u provi prodotti mill-intimata Germaine Magro.

"13. <u>Ir-rikorrent Mark Magro (in kontro-eżami)</u>

"Ir-rikorrent Mark Magro xehed bil-ġurament quddiem il-perit legali fit-3 ta' Frar 2009 – Dok. Ġ(21) anness. Mistoqsi jekk il-minuri Francesca Magro hijiex bint naturali tiegħu, ir-rikorrent jgħid illi l-intimata kienet qaltlu li din ma kienitx tiegħu iżda ta' Franco Schembri.

"Jgħid li lill-minuri Francesca Magro qatt ma ċaħadha, u minkejja dak kollu li setgħet qaltlu l-intimata, ġaladarba kemm l-intimata kif ukoll Franco Schembri, bil-ġurament tagħhom, it-tnejn li huma nnegaw li kien hemm xi forma ta' intimità bejniethom, allura huwa ma għandu ebda triq oħra għajr li jikkonkludi li t-tifla hija tiegħu.

"Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa jkun dispost li jagħmel l-eżami tad-DNA biex jiġi stabbilit definittivament jekk huwiex il-missier naturali tal-minuri Francesca jew le.

"Ir-rikorrent jgħid li hu u l-intimata ġieli kienu jitlewmu bħal koppji oħra, però jinnega li huwa kien jerfa' jdejh. Huwa jispeċifika però, li fl-20 ta' Marzu 2006, *ossia* meta l-intimata kienet marret għand zijuha, dakinhar huwa kien *"irreaġixxa*" meta l-intimata ppruvat tqatta' r-ritratti u n-nota li kien sab fil-karozza tagħha. Dakinhar hu u l-intimata ġew fl-idejn. Skont ir-rikorrent, dik kienet l-ewwel darba li huwa refa' jdejh fuq l-intimata.

"Ir-rikorrent jgħid ukoll li wara li kellhom l-ewwel wild – Jake – l-intimata qabditha *post-natal depression*, liema dipressjoni kompliet taggrava ruħha wara t-tieni wild – Kurt. Dan għaliex kienet riedet tifla. Effettivament lil Kurt ma aċċettatux, tant li ta' sena daħħlitu fi *playschool* għax ma rieditux id-dar.

"Ir-rikorrent esebixxa wkoll kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-*plot* tal-Gvern li fuqu nbniet id-dar matrimonjali, kif ukoll kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-garaxx f'St. Michael Street, Fgura. Mistoqsi x'ġie mħallas mil-*loan* ta' Lm5,000, ir-rikorrent jgħid li dak il-*loan* qed iħallsu hu.

"14. Konvenju tal-*plot* li fuqu nbniet id-dar matrimonjali u kuntratt tal-akkwist tal-garaxx f'St. Michael Street, il-Fgura.

"Fis-seduta li nżammet mill-perit legali Perit Legali nhar l-24 ta' Marzu 2009, ir-rikorrent Mark Magro ppreżenta (bħala Dok. A) ftehim preliminari li jirregola l-enfitewsi fuq il-*plot* li fuqu nbniet id-dar matrimonjali tal-kontendenti; u (bħala Dok. B) il-kuntratt tal-akkwist tal-garaxx f'St. Michael Street, Fgura.

"Il-*plot* li fuqu nbniet id-dar matrimonjali tal-kontendenti ġie akkwistat mill-kontendenti Mark Magro u Germaine Magro gia' Ellul, b'titolu ta' enfitewsi mingħand l-Awtorità tad-Djar fit-28 ta' Jannar 1992, u cjoè aktar minn erba' (4) snin qabel ma l-partijiet iżżewġu. Ir-rata taċ-ċens kienet ta' tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm88) fis-sena, liema rata però kienet issussidjata mill-Awtorità tad-Djar.

"Dwar il-garaxx bla numru u bla isem, immarkat mhux uffiċjalment bin-numru sbatax (17), fi drive privata li tiżbokka f'St. Michael Street, il-Fgura, *at basement level*, sottopost għal beni ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha, u jikkonfina mill-Majjistral ma' St. Michael Street, mix-Xlokk mad-*drive-in* privata u mil-Lvant ma' beni ta' Horant Properties Limited, dan il-garaxx inxtara mill-partijiet fit-28 ta' Diċembru 2005 għall-prezz ta' għaxart elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm10,500). Għall-akkwist ta' dan il-garaxx il-kontendenti ħadu *loan* mill-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont ta' disat elef, erba' mija u ħamsin Lira Maltin, u dan in forza tal-istess Att fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar.

"15. <u>L-intimata Germaine Magro</u>

"Fis-seduta miżmuma mill-perit legali fil-21 ta' April 2009 - Dok. Ġ(25) anness – l-intimata Germaine Magro ddikjarat bil-ġurament illi bi qbil bejn il-partijiet, fis-27 ta' Marzu 2009 sar l-eżami tal-paternità permezz tad-DNA fir-rigward tal-minuri Francesca, minn liema eżami rriżulta illi rikorrent Mark Magro m'huwiex il-missier naturali ta' din il-minuri.

"16. <u>L-intimata Germaine Magro (Affidavit)</u>

"Fis-seduta miżmuma mill-perit legali fit-13 ta' Mejju 2009 -Dok. Ġ(27) anness – l-intimata Germaine Magro ippreżentat affidavit ġuramentat bix-xhieda tagħha. F'dan l-affidavit l-intimata tgħid li fi żmien l-għerusija kien hemm episodji fejn ir-rikorrent kien vjolenti magħha. Hija ssemmi żewġ (2) episodji: f'episodju minnhom l-intimata kienet qalet lir-rikorrent li sejra tagħmel libsa għand *"waħda"*. Effettivament kien ħajjat mhux ħajjata, però l-intimata użat it-terminu *"waħda"* għax dan il-ħajjat kien *gay*. Effettivament meta r-rikorrent skopra li martu kienet marret għand *'wieħed'* u mhux *"waħda"*, kif kienet qaltlu hi, huwa kien "i". F'okkażjoni oħra kien rifsilha sieqha bit-*tyre* tal-karozza.

"L-intimata tgħid ukoll illi wara t-twelid tal-ewwel iben tal-partijiet, Jake, hija sofriet *post-natal depression* tant li kienet taħt kura medika. Hija damet f'din il-kundizzjoni aktar minn sitt (6) xhur. L-intimata tgħid ukoll li kien hemm xi okkażjonijiet waqt din it-tqala fejn ir-rikorrent refà jdejh fuqha, però l-istess rikorrent kien ta' għajnuna għaliha meta ħakmitha l-*post-natal depression*. Wara t-twelid tat-tieni iben, Kurt, l-intimata reġgħet waqgħet f'*post-natal depression* li kienet akbar minn ta' qabilha, u għal darb'oħra reġa' kellha bżonn il-*medication*. F'dan il-perjodu bdew jiżdiedu l-argumenti bejnha u bejn ir-rikorrent, liema argumenti *"spiss kienu jwasslu biex huwa jerfa' jdejh fuqi"*. L-intimata targumenta li ħafna minn dawn l-argumenti vjolenti kienu jseħħu wara li r-rikorrent jkun tkellem ma' ommu.

"L-intimata tistqarr li kellha relazzjoni extra-konjugali, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri Francesca. L-intimata

tgħid li wara xi sentejn mit-twelid ta’ Francesca hija kienet qalet lir-rikorrent li t-tifla ma kienitx tiegħu.

“L-intimata tinnega però li hija kellha xi kunfidenzi ma’ ċertu Jonathan li r-rikorrent isemmi fl-affidavit tiegħu.

“Finalment l-intimata tgħid illi wara li marret toqgħod għand missierha, ġieli kienet taċċedi ġewwa d-dar matrimonjali biex tara lis-subien, iżda f’dawn iż-żjajjar kienu jinqalgħu nċidenti bejnha u bejn ir-rikorrent, u dan minħabba l-fatt illi hija kienet topponi *“għall-fatt illi r-raġel idaħħal mara oħra fid-dar tagħna”* l-aktar minħabba li hija ma reditx li wliedha subien jkunu fil-preżenza ta’ mara oħra.

“17. <u>Patricia Balzan</u>

“Patricia Balzan xehdet bil-ġurament quddiem il-perit legali fl-10 ta’ Ġunju 2009 – Dok. Ġ(28) anness. Hija tiġi z-zija tal-intimata Germaine Magro. Tgħid illi darba minnhom meta l-partijiet kienu għadhom għarajjes, ir-rikorrent kien tlewwem ma’ l-intimata u għadda minn fuq sieqha bil-karozza. Meta staqsietha x’kien ġara l-intimata kienet weġbitha li r-rikorrent kien ħadha bi kbira għaliex hija kienet marret għand ħajjat. Tgħid ukoll li r-rikorrent ma kienx ried jagħmel *reception* tat-tieġ, tant li hija offriet li ssellifha xi ħaġa.

“Patricia Balzan tgħid li wara ż-żwieġ ta’ Germaine ma’ Mark, ġieli kienet tmur għand Germaine u taralha xi tbenġil. Darba minnhom ix-xhud staqsietha dwar tbenġila li kellha l-intimata u l-intimata għall-ewwel qaltilha li kienet ħabtet ma’ tieqa, u sussegwentement qaltilha li r-rikorrent kien sawwatha. Ix-xhud tgħid ukoll li r-rikorrent ġieli għadda kummenti dispreġjattivi fil-konfront tal-intimata fil-preżenza tagħha.

“Ix-xhud tgħid ukoll li darba minnhom kienet staqsiet lil Jake, li jiġi t-tifel tal-partijiet, u li dak iż-żmien kellu xi 6 jew 7 snin, jekk ommu u missieru kienux jiġġieldu, u t-tifel kien weġibha li l-papà tiegħu ġieli sawwat lill-mamà tiegħu.

"Tgħid ukoll li ġieli rrakkomandat lill-intimata biex tagħmel rapporti lill-Pulizija dwar il-vjolenza tar-rikorrent, iżda l-intimata kienet tirrifjuta għax kienet tibża li jekk tagħmel hekk ir-rikorrent kien isawwatha iżjed.
"In kontro-eżami – Dok. Ġ(32) anness – Patricia Balzan tgħid li r-relazzjoni extra-konjugali li l-intimata kellha ma' ċertu Franco l-intimata bdietha wara li telqet mid-dar wara li r-rikorrent kien isawwatha. Mistoqsija jekk l-inkwiet bejn il-partijiet inqalax proprju minħabba din ir-relazzjoni extra-konjugali, ix-xhud tgħid li ma tafx, però tisħaq li l-intimata telqet mid-dar minħabba s-swat, għalkemm dakinhar li telqet hija ma ratx sinjali ta' swat.

"18. <u>Luana Balzan</u>

"Luana Balzan xehdet bil-ġurament quddiem il-perit legali fl-10 ta' Ġunju 2009 – Dok. Ġ(30) anness. Hija tiġi l-kuġina tal-intimata Germaine Magro. Luana Balzan tgħid li wara li Germaine iżżewġet, meta kienu jiltaqgħu għand in-nanna, Germaine kienet tibqa' liebsa n-nuċċali tax-xemx ġewwa. Ix-xhud tkompli: *"Jiena kont nistaqsiha għaliex kienet tilbsu u hi kienet tgħidli li Mark Magro kien isawwatha u kienet tilbsu biex taħbi t-tbenġil"*.

"Ix-xhud tgħid ukoll li darba minnhom – wara li l-intimata kienet telqet mid-dar matrimonjali – hi (ix-xhud) kienet marret ma' l-intimata d-dar matrimonjali biex minn hemm jieħdu ġugarell (pupu). Flimkien magħhom kien hemm ukoll oħt l-intimata, Leanne Bonnett. Tgħid li r-rikorrent ma riedx jiftħilhom, u l-intimata qabdet ħawt tal-ġebel u waddbitu għal ġol-bieb ta' barra, tant li nkiser il-ħġieġ tal-istess bieb. Tgħid illi meta sema' l-ħġieġ jinkiser ir-rikorrent fetaħ il-bieb u ħareġ jaggredihom. Tgħid ukoll li meta fetaħ il-bieb hija setgħet tara li ġewwa kien hemm mara bl-isem ta' Sandra.

"Tgħid li darba oħra, pjuttost riċentement u fil-mori ta' dawn il-proċeduri hi u l-intimata raw mara dieħla fid-dar matrimonjali u l-intimata marret tħabbat il-bieb ta' barra *"biex tara dik il-mara x'kienet qed tagħmel hemm"*. Tgħid li Mark ħareġ għal Germaine u aggrediha.

"Finalment ix-xhud tgħid li taf li r-rikorrent kien jgħajjar lill-intimata u minbarra t-tbenġil, lill-intimata ġieli ratilha wkoll trofof ta' xagħar neqsin kif ukoll marki tas-sigaretti.

"In kontro-eżami – Dok. Ġ(34) anness – Luana Balzan tgħid illi r-rikorrent Mark Magro ma jpejjipx u qatt ma ratu jpejjep. Tgħid ukoll li l-intimata titħarreġ fil-kick-boxing u ilha tagħmel hekk għal madwar sentejn.

"Mistoqsija dwar jekk in-nanna u z-zijiet kienux jikkummentaw meta l-intimata kienet tibqa' bin-nuċċali tax-xemx ġewwa għand in-nanna ix-xhud tgħid li n-nanna ma kienet tgħid xejn però z-zijiet kienu jindunaw li hemm xi ħaġa mhux postha.

19. <u>Rita Bonnett</u>

"Rita Bonnett xehdet bil-ġurament quddiem il-perit legali fit-2 ta' Lulju 2009 – Dok. Ġ(35) anness. Hija tiġi l-*partner* ta' missier l-intimata. Tgħid illi l-intimata kienet marret tgħix għandhom xi tliet snin u nofs jew erba' snin ilu. Tgħid li missier l-intimata kien qalilha li l-intimata kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret għand zijuha minħabba li r-rikorrent kien isawwatha. Huma marru għand dan iz-ziju, Alfred, li min-naħa tiegħu infurmahom li l-intimata kienet telqet mingħandu u marret Dar Merħba Bik. Huwa marru għaliha Dar Merħba Bik u ħaduha magħhom id-dar, u hi bdiet toqgħod magħhom.

"Tgħid illi r-rikorrent ġieli mar ikellem lill-intimata għandhom u l-intimata kienet tgħidliha biex tibqa' magħhom għax tibża' li r-rikorrent isawwatha. Darba minnhom ir-rikorrent ħebb għall-intimata u saħansitra qabad mus minn fuq il-mejda tal-ikel, liema mus ix-xhud irnexxielha teħodlu minn idu. Wara dan l-inċident huma marru jagħmlu rapport l-Għassa tal-Pulizija, però l-mus ma semmewhx biex ma jsaħħnux il-qiegħa.

"Ix-xhud tgħid li qatt ma kienet taf li r-rikorrent kien isawwat lill-intimata, u saret taf b'dan wara li l-intimata telqet mid-dar matrimonjali.

"In kontro-eżami, mistoqsija jekk lill-intimata qattx ratilha xi tbenġil, *black-eyes*, u affarijiet simili, ix-xhud tgħid illi le, għalkemm ma tantx kienet taraha. Mistoqsija jekk l-intimata qattx kienet qaltilha li r-rikorrent kien isawwatha, ix-xhud tgħid li le, għalkemm tispeċifika li ma tantx kienu jiltaqgħu. Lanqas missier l-intimata, il-*partner* tax-xhud, qatt ma qal lix-xhud li r-rikorrent kien isawwat lill-intimata.

"20. <u>Xhieda ulterjuri tal-intimata Germaine Magro</u>

"L-intimata Germaine Magro reġgħet xehdet quddiem il-perit legali fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009 – Dok. Ġ(37) anness. Hija tgħid li r-rikorrent ma jpejjipx però hi kienet tpejjep wieħed 'l hawn u 'l hemm. Tgħid li darba minnhom daħal ir-rikorrent u x'ħin xamm rieħa ta' sigaretti qalilha: *"hux tieħu pjaċir tpejjep?; jien nieħu pjaċir naħarqek bih!"*. Malli qal hekk qabbad sigarett u ħaraqha bih ma' ġisimha kollu.

"Dwar it-tieġ tgħid li dan tħallas minnha u mir-rikorrent flimkien, però n-nannu kien sellifhom Lm1,300 li mbagħad kien ħafirhomlhom.

"Dwar il-vettura *Metro* tgħid li kien taha l-flus għaliha zijuha Alfred Ellul. Tispeċifika li dan Alfred Ellul kien jgħinhom ħafna tant li kien ħallsilhom ħafna affarijiet mid-dar, fosthom il-bieb tal-garaxx, il-bieb ta' barra tal-ħadid, il-ħadid tas-soqfa, u għenhom ukoll għall-*washroom.*

"In kontro-eżami – Dok. Ġ(38) u Ġ(40) annessi – l-intimata Germaine Magro tgħid li huwa minnu li r-rikorrent telaq mix-xogħol li kellu mad-*Dowty* biex ikun jista' jqatta' aktar ħin magħha meta kellha l-*post-natal depression* però tippreċiża li r-rikorrent kien imdejjaq bix-*shifts* li kellu d-*Dowty*. Mistoqsija jekk meta Mark beda jaħdem l-*Actavis* huma kienux marru għand Professur biex iġibu ċertifikat ħalli r-rikorrent ma jaħdimx bix-*shift* l-intimata tikkonferma però tispeċifika li dan kienu għamluh għaliex ir-rikorrent kien iddejjaq jaħdem bix-*shift.*

"Mistoqsija jekk ħarġitx tqila bi Francesca meta Kurt kellu sena u tliet xhur, l-intimata tgħid illi le, u tispeċifika li meta twieldet Francesca, Kurt kellu kważi tliet snin.

"Hija tikkonferma li wara li telqet mid-dar marret għand iz-ziju tagħha, imbagħad marret Dar Merħba Bik. Mistoqsija jekk hux minnu li zijuha fil-fatt ma riedx iżommha miegħu u għalhekk effettivament marret Dar Merħba Bik, hija tgħid li mhux minnu u tispeċifika li zijuha ried iżommha miegħu però kien tal-fehma li Dar Merħba Bik setgħu jgħinuha aħjar rigward *housing* u hekk. L-intimata tiċħad li zijuha ħadha kontriha meta sar jaf bl-eżistenza ta' Franco.

"Mistoqsija għaliex dejjem ħalliet lit-tfal (is-subien) mar-rikorrent, l-intimata tgħid li dan għamlithu għaliex hija litteralment ħarbet mid-darb' ta' fuqha senduqha wara li r-rikorrent, qabel ma mar għat-tfal il-Mużew, qalilha *'jekk tkun hawn x'ħin niġi lura noqtlok'*.

"Mistoqsija però jekk wara li telqet mid-dar kienitx xorta tmur perjodikament fid-dar matrimonjali biex tieħu l-ħwejjeġ u anke taħsel xi ħwejjeġ tar-rikorrent, hija tikkonferma li kienet tagħmel dan għaliex hija dejjem aġixxiet fl-interess tat-tfal.

"21. <u>Riżultat tat-Test tal-Paternità permezz tad-DNA rigwardanti l-minuri Francesca.</u>

"Dan it-test – Dok. GM-Y anness – jeskludi għal kollox li r-rikorrent jista' jkun il-missier naturali tal-minuri Francesca, li twieldet fil-25 ta' Ġunju 2003.

"TORT

"Illi kif ġja` ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attur akkuża lill-konvenuta li kkomettiet adulterju u abbandunat id-dar matrimonjali, mentri l-konvenuta fl-affidavit tagħha tgħid li l-attur kien iġib ruħu magħha b'mod irraġonevoli anke uża vjolenza fuqha. Fir-rigward tal-adulterju msemmi, dan ma hemmx dubju li ġie kommess mill-konvenuta għaliex irriżulta mit-test tad-DNA tat-tifla ż-żgħira Francesca illi din ma hijiex bint l-attur.

Għalhekk dawk is-suspetti illi nżergħu minn terzi fl-attur kienu ġustifikati u kien minnu li l-konvenuta kkommettiet adulterju.

“Illi l-Qorti wara li eżaminat il-provi, tħoss li għandha taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali illi l-adulterju kommess mill-konvenuta, kien il-kawża ewlenija iżda mhux esklussiva, tat-tifrik taż-żwieġ. Huwa forsi naturali għalkemm mhux ġustifikabbli li meta l-attur kien konvint li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ħaddiehor, l-attitudni tiegħu fil-konfront tagħha nbidlet u seta' anke ġie provokat f'aggressjoni fiżika. Dan għalkemm żgur mhux aċċettabbli ma jbiddilx il-fatt li kien l-adulterju kommess mill-konvenuta li kien il-kawża inizjali tat-tifrik taż-żwieġ. Għalhekk filwaqt li l-Qorti tħoss li l-partijiet spiċċaw jgħixu f'*“sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune”*. (**Caterina Agius v. Benedict Agius** – Prim'awla 13 ta' Ġunju 1967), il-konvenuta għandha ċertament iġġor l-akbar ħtija għas-separazzjoni. Dan se jkun naturalment rifless kemm fil-korp dispożittiv tas-sentenza u kemm fil-kap tal-ispejjeż.

“KURA U KUSTODJA

“Illi għalkemm is-*social worker*, nominata fi stadju bikri tal-proċeduri rrakkomandat illi l-partijiet għandu jkollhom il-kura u kustodja konġuntiva tal-minuri Jake u Kurt, il-Qorti fuq l-iskorta anke ta' diversi sentenzi riċenti tal-Qorti tal-Appell ma jidhrilhiex illi f'każ bħal dak odjern fejn ċertament hemm animożita notevoli bejn il-partijiet, hija għandha tħalli l-inċertezza f'materja hekk delikata u dan għaliex huwa mportanti li ċerti deċiżjonijiet fuq il-ħajja u l-futur tat-tfal jittieħdu fil-ħin opportun u mingħajr piki. L-attur ilu bil-kura effettiva tal-minuri msemmija f'idejh għal dawn l-aħħar erba' snin u għalhekk il-Qorti ma ssib ebda diffikulta` biex tassenja lilu l-kura u kustodja tagħhom bl-aċċess dovut lill-konvenuta kif anke suġġerit mill-istess *social worker.*

“Fir-rigward tal-minuri Francesca, naturalment minħabba dak li ġara fil-mori tal-kawża, l-attur m'għandux aktar

interess fil-kura u kustodja tagħha u għalhekk sakemm jittieħdu l-proċeduri leġali opportuni l-Qorti se takkordahom lill-konvenuta.

“MANTENIMENT U L-ARTIKOLU 48 TAL-KAP. 16.

“Illi ma hemmx dubbju għalhekk, in vista ta’ dak illi ntqal, illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi l-manteniment mingħand l-attur. (**Artikolu 48 1d tal-Kodiċi Ċivili**). L-attur qed jitlob li jiġu applikati kontra l-konvenuti s-sanzjonijiet kollha taħt dan l-artikolu u allura *oltre* d-drittijiet suċċessorji l-applikazzjoni tas-sub-inċiz B u C tal-istess artikolu u sub-inċiż. Fir-rigward tad-drittjiet suċċessorji ma hemmx dubbju li t-talba għandha tintlaqa’.

“Illi fir-rigward tas-sub-inċiżi l-oħra, u ċjoe` B u C, il-Qorti jidhrilha illi għalkemm il-konvenuta kkomettiet adulterju qabel id-data li se ssemmi, hija baqgħet tgħix fid-dar matrimonjali sal-4 ta’ April 2006 u kwindi sa dik id-data kienet għadha qed tikkontribwixxi bix-xogħol tagħha *sia pure* dakinhar fid-dar, għall-komunjoni tal-akkwisti u kwindi l-Qorti se tiffissa dik id-data bħala dik li fiha ġiet terminata dik l-istess komunjoni. Tenut kont ta’ dak li ġja` ingħad, il-Qorti se tapplika d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 52 u tapplika allura parzjalment il-provvedimenti maħsuba fl-Artikolu 48.

“PROPRJETA`
“(Beni immobbli):

“Illi l-partijiet xtraw flimkien *plot* li fuqha bnew dik li llum hija d-dar konjugali, u ċjoe` numru 35, Triq il-Vittmi tax-Xoghol, Paola. Din naturalment tifforma parti mill-komunjoni bejn il-partjiet. Jirriżulta li l-attur għamel ħafna xogħol fid-dar u kompla jimliha wara li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali. Huma xtraw ukoll *garage* numru 17, (mhux uffiċjali) fi Triq San Mikiel, il-Fgura fl-2005 għall-prezz ta’ Lm10,500. Kemm fuq id-dar u kemm fuq il-garaxx hemm dejn pendenti mal-Bank H.S.B.C.

“Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali l-Qorti tħoss li għandha tħalli lill-attur jgħix fiha għall-perjodu ta’ żmien peress li

miegħu għandu żewġ uliedu żgħar u dan anke biex l-istess tfal ma jiġux imneħħija f'daqqa mill-ambjent tagħhom. Għal dan il-għan se takkorda perjodu ta' ħames snin. Peress li l-attur għamel il-benefikati li ssemmew anke wara l-2006, u ħallas dejjem hu l-pagamenti lill-bank il-Qorti se tassenjalu l-vetturi kollha u l-garaxx imsemmi. Huwa għandu jibqa' jħallas lill-bank l-ammonti li fadal jitħallsu. Il-Qorti qed tagħmel dan kollu *arbitrio boni viri* peress li l-partijiet naqsu li jipproduċu provi affidabbli dwar il-valur tal-oġġetti. L-attur għandu jiġi wkoll assenjat il-mobbli li hemm id-dar. Il-Qorti jidhrilha li bejn ix-xogħol li għamel l-attur wara l-2006 u kemm minħabba li se jibqa jħallas id-dejn, dak li se jiġi assenjat għandu jkun ekwivalenti ftit jew wisq għal dak li ħareġ u għad irid joħroġ. Fil-fatt huwa qed jiġi assenjat proprjeta` li tiswa ċirka tlieta u tletin elf Euro (€33,000), (naturalment nofshom huma tiegħu bi dritt u allura fil-verita` huwa qed jiġi assenjat sittax-il elf u ħames mitt Ewro (€16,500) iżda ma' dawn wieħed irid iżid il-valur tal-vettura Fiesta u l-mobbli tad-dar li ma hemm ebda stima tagħhom fil-process. L-iżbilanċ tal-kontijiet bankarji huma ta' ċirka sitta u tletin elf Ewro (€36,000) li minnhom ħamest elef, mija u erba' Ewro (€5,104) huma tal-konvenuta. Dawn għandha tħallashom hi; iżda l-kumplament (tista' tgħid kollha konnessi mal-*loan* fuq id-dar għandu jħallashom l-attur li l-Qorti se takkordalu prelevement ta' għaxart elef Ewro (€10,000) mill-bejgħ eventwali tad-dar konjugali biex jagħmel tajjeb għall-fatt li hu se jħallas il-*loan*. Dan il-Qorti qed tagħmlu biex tevita kwistjonijiet oħra billi naturalment il-konvenuta m'għandha ebda interess għall-inqas għall-futur immedjat, li tibqa' tħallas din il-*loan* peress li huwa l-konvenut li qed jgħix fid-dar u se jingħata d-dritt jgħix fiha għal perjodu ta' żmien.

"(Beni mobbli):

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entita` mdaqqsa għal modesta għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

"DEJN

"Illi l-partijiet issellfu mill-bank H.S.B.C. u dan is-self huwa dejn tal-komunjoni. Kif ġja` ingħad dan jibqa' jħallsu l-attur bi tpattija għal dak li se jiġi assenjat lilu. Hemm ukoll żbilanċ f'kont f'isem il-konvenuta li kif ġja` ingħad għandha tħallsu hija stess."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens illi:

"1. tikkonferma fejn ippronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, pero` tiddikjara illi z-zwieg tkisser unikament tort tal-konvenuta; 2. tillimita l-access kif spjegat aktar 'il fuq, fid-dawl tat-tieni rapport tal-haddiema socjali Therese Micallef; 3. tikkonferma fejn laqghet it-tielet talba b'dan illi tiddikjara illi dan sehh b'effett minn Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002); 4. tirriforma r-raba' talba billi zzid l-ekwiparazzjoni dovuta lill-appellant kif sottomess aktar 'il fuq; 5. tikkonferma l-bqija tat-talbiet."

Rat ir-risposta tal-intimata li, ghar-ragunijiet minnha premessi, tghid li l-lanjanzi tal-appellant kif dettaljati fir-rikors tieghu ma humiex sostenibbli;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewgu fit-23 ta' Marzu 1996; minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Jake u Kurt, li ghadhom minuri. Tul is-smigh tal-provi, il-partijiet tefghu fuq xulxin it-tort ghall-firda, u kien hemm ukoll nuqqas ta' qbil dwar ir-relazzjoni li ghandhom separatament ikollhom ma' uliedhom. L-ewwel Qorti li semghet ix-xhieda tramite perit legali, waslet ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta` ghal firda hija "principalment" tal-konvenuta, u assenjat il-kura u l-kustodja tal-minuri lill-missier, b'access regolat ghall-omm. L-ewwel Qorti xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti

bejn il-partijiet u pprocediet ghall-qasma tal-istess bejn il-kontendenti.

L-attur appella mis-sentenza u qed jitlob li l-istess tigi varjata. Hu jrid li t-tort ghall-firda jigi mixhut esklussivament fuq il-konvenuta (u mhux biss "principalment"), ilmenta dwar ir-regolamentazzjoni tad-dar matrimonjali, u qed jitlob ukoll manteniment ghat-tfal minghand l-omm.

Fuq dan l-ahhar aggravju, din il-Qorti tinnota li l-attur ma ressaqx talba ghall-hlas ta' manteniment ghat-tfal minghand l-omm fir-rikors guramentat tieghu. Hu talab li jinghata l-kura u l-kustudja tat-tfal, izda ma talabx minghand martu kontribuzzjoni ghall-manteniment taghhom. Hu risaput li l-qrati jridu ta' bilfors jiddeciedu biss fuq it-talbiet tal-attur f'kawza, u ma jistghux imorru oltre minn hekk. La darba ma hemmx talba ghall-manteniment x'tigi milqugha, din il-Qorti ma tista' tipprovdi xejn fir-rigward. Quddiem l-ewwel Qorti kienet saret talba biex tizdied talba ghall-manteniment fir-rikors guramentat, pero`, l-attur ma baqax jinsisti fuq din it-talba li ghamel u l-ewwel Qorti ma qisithiex.

Trattati issa l-aggravji tal-attur dwar is-sentenza tal-ewwel Qorti, din il-Qorti trid tibda billi tistharreg l-ewwel ilment tal-attur dwar ir-responsabbilta` ghal-firda. Kif intwera, l-ewwel Qorti sabet li hija l-konvenuta li "principalment" tahti ghas-separazzjoni, izda l-attur irid vindikazzjoni totali.

Ma hemmx dubbju li l-konvenuta hija hatja ta' adulterju, u dan jirrizulta minn ammissjoni taghha stess u mill-fatt li kellha tifla minn relazzjoni li kellha ma' ragel iehor. Saru wkoll testijiet ta' paternita fuq it-tifla, u gie eskluz ghal kollox li r-rikorrent hu l-missier naturali tat-tifla li twieldet f'Gunju 2003.

Dan ma jfissirx li l-attur hu mehlus minn kull responsabbilta`. Kif darba qal l-Imhallef Ingliz Lord Denning fil-kaz "Wachtel v. Wachtel" (1973):

*“Seperation nowadays carries no stigma, but only sympathy. It is a misfortune that befalls both parties. No longer can it be maintained that one party was guilty and the other innocent. In most cases both parties have contributed to the breakdown of the marriage.”*

Mill-provi f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur lanqas ma hu xi bniedem fidil. Jidher li kien jghir b'mod esagerat ghall-martu, u meta jinqala’ xi disgwid bejniethom, mhux l-ewwel darba li rrikorra ghall-vjolenza fuq martu. Jista’ jkun li dawn l-incidenti kienu isolati, pero`, xhieda raw lill-konvenuta bi tbengil, u aghar minn hekk, it-tfal gieli raw lill-missierhom jerfa’ jdejh fuq ommhom. Il-konvenuta ma ghamlitx rapporti lill-Pulizija ghax bezghet li, jekk taghmel hekk, zewgha isawwatha izjed. Din l-attitudni tar-ragel li jgholli lehnu u jerfa’ idejh fuq martu zgur kellha effett psikologiku fuq il-mara, u ghalkemm l-agir taghha li tmur ma’ ragel iehor fil-pendenza taz-zwieg ma huwiex gustifikabbli, ir-ragel taghha ma jistax jiskansa ruhhu minn kull tort, u kwindi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li qalet li filwaqt li l-konvenuta tahti “principalment” ghall-firda, zewgha ma jistax jigi lliberat minn kull imputazzjoni ta’ htija.

Dan l-aggravju principali tal-attur, ghalhekk mhux se jigi milqugh.

L-attur jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti stabbiliet il-jum tal-4 ta’ April 2006, il-gurnata meta l-konvenuta telqet mid-dar, bhala d-data meta giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Hu jsostni li d-data kellha tkun dik tal-15 ta’ Settembru 2002, li hi d-data approssimattiva li fiha l-konvenuta kellha x’taqsam ma’ ragel iehor. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-ezercizzju ta’ diskrezzjoni fuq dan l-aspett mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kellha quddiemha c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u mhux biss l-adulterju tal-mara, u qieset kollox qabel ma ddeterminat il-gurnata tal-firda effettiva. Htija mhux necessarjament hi marbuta ma’ data ta’ meta sehh l-att, izda trid tigi stabbilita mill-Qorti meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Meta tqis l-atteggjament tar-ragel fil-konfront ta’ martu, u l-konkluzjoni milhuqa antecedentement li l-adulterju tal-

mara ma kienitx wahedha l-kawza ta' separazzjoni, mhux irragonevoli li tghid li l-veru firda sehhet meta l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali darba ghal dejjem. Anke wara li sar l-adulterju, l-attur kien qies lit-tifla li twieldet bhala bintu, u l-partijiet baqghu jghixu bhala koppja, ghalkemm b'dizgwid u glied, u l-konvenuta baqghet taghti sehmha billi tiehu hsieb id-dar u l-familja. Kienet meta l-konvenuta telqet mid-dar li "spicca kollox", u effettivament giet terminata kull relazzjoni bejn il-partijiet.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi wkoll michud.

Ghar-rigward id-dar matrimonjali, li hi tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ewwel Qorti ordnat li l-attur jista' jibqa' jirrisjedi fiha wahdu mat-tfal sa hames (5) snin, u wara tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali wara li l-attur jiehu prelevament ta' €10,000. L-attur jghid li l-konvenuta ghandha tiehu sehmha mill-valur tad-dar kif kien f'Settembru tal-2002, u mhux tiehu vantagg mill-awment li jirrizulta maz-zmien, u li l-prelevament ta' €10,000 mhux bizejjed biex jissodisfa l-kreditu tieghu. Hawn hu jilmenta mill-fatt li hu gie ordnat ukoll ihallas il-*loan* kollu li ghandu mal-HSBC Bank Malta Plc, li ttiehed f'Novembru tal-2006, bi qbil bejn il-partijiet, biex ingabru f'kont wiehed id-diversi *loans* li kellhom mal-istess bank u terz.

Fuq dawn l-ilmenti, il-Qorti tinnota li l-attur f'ebda stadju ma talab li tingieb stima tad-dar f'Settembru 2002, u din il-Qorti ma tistax, f'dan l-istadju, tipprovdi issa ghal dan in-nuqqas. F'kull kaz, l-attur se jiehu vantagg li se jgawdi l-uzu tad-dar b'mod esklussiv minghajr ma jhallas kumpens u dan ghal hames (5) snin shah, anzi aktar ghax din il-Qorti sejra tordna li dawn il-hames (5) snin, minhabba l-eta` tat-tfal, specjalment taz-zghir, jizdiedu ghal tmienja (8) u jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

Dwar il-hlas lura tas-self mal-HSBC Bank Malta Plc, marbut mal-kont numru 013135314301, l-attur ghandu ragun peress li mill-provi jirrizulta li dan ma kienx self gdid, izda self rikonjitorju tas-self li saru qabel bi qbil bejn iz-zewg partijiet. Il-konvenuta telqet mid-dar f'April 2006, meta d-dejn kien ta' €15,373, u din il-Qorti tara li l-

konvenuta ghandha tkun ikkundannata thallas nofs dan id-dejn, cioe`, €7,686.50. Jaqbel li d-dejn jibqa' jhallsu l-attur u dan jigi kompensat mal-bejgh tal-post. L-ammont ta' prelevament favur l-attur ghandu, ghalhekk, ikun ta' €17,686.50.

Dawn l-aggravji marbuta mad-dar matrimonjali qed jigu, ghalhekk milqugha in parte.

L-attur jilmenta wkoll dwar l-access li nghata lill-omm ghal uliedha. L-ewwel Qorti adottat ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward, pero` jirrizulta li dan, meta rrediga r-rapport tieghu, bi zvista naqas li jiehu konjizzjoni tat-tieni rapport li kienetipprezentat is-*social worker* appuntata mill-Qorti biex tirrelata dwar il-gid tat-tfal fejn din irrakkomandat access ta' darbtejn fil-gimgha u ghal saghtejn kull darba u taht supervizjoni. L-attur mhux qed jinsisti li l-access ikun taht supervizjoni, u ma jidhirx li ghad hemm lok li dan hekk isir. Meta tqis li s-*social worker* irrelatat li l-omm, waqt l-access, "kienet taghmel affarijiet ohra milli toqghod mal-minuri u tilghab maghhom", il-Qorti tara li l-access kif ifformulatu l-ewwel Qorti jista' jkun ftit *"disruptive"* ghat-tfal, u tara li l-access ghandu jkun limitat kif gej: it-Tlieta bejn l-4:15pm u s-7:15pm u s-Sibt, bejn l-10:00am u l-5:30pm, biex l-omm ikollha *"quality time"* xieraq ma' uliedha. L-ordnijiet l-ohra li tat l-ewwel Qorti biex tirregola l-access fi granet partikolari jibqghu mhux mittiefsa.

Fl-ahhar nett, l-attur jilmenta kif l-ewwel Qorti qasmet il-mod ta' hlas tal-ispejjez, u cioe`, kwart (¼) ghall-attur u tliet kwarti (¾) ghall-konvenuta. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess biss in parte, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonferma l-istess sentenza b'dawn it-tibdil biss:

(i) Fil-kuntest tat-tieni decide, tikkonferma l-istess hlief li l-access ghall-konvenuta, kif deskritt fl-ewwel parti tal-paragrafu, ghandu jkun kull nhar ta' Tlieta bejn l-

4:15pm u s-7:15pm, u kull nhar ta’ Sibt bejn l-10:00am u l-5:30pm;

(ii) Fil-kuntest tar-raba’ decide, tikkonferma l-istess hlief li tordna li (a) id-dritt ta’ abitazzjoni favur l-attur tad-dar konjugali jkun ghal perjodu ta’ tmien (8) snin mil-lum (flok hamsa [5]), u (b) l-prelevament favur l-attur ikun ta’ €17,686.50 (flok €10,000); ghal bqija kollox kif ordnat l-ewwel Qorti;

(iii) Fil-kuntest tas-sitt decide, it-terminu jkun ta’ tmien snin (flok hamsa [5]) kif gia` ntqal.

L-ispejjez kollha tal-kawza, anke ta’ dan it-tieni stadju, jithallsu kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------